



Brussell, 1 ta' Lulju 2025
(OR. en)

9860/25

LIMITE

CORLX 548
CFSP/PESC 830
CSDP/PSDC 355
COAFR 125
CONUN 81
EUTM RCA 6
CSC 274

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610
dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea
fir-Repubblika Ċentru-Afrikana
(EUTM RCA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' April 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610¹, li stabbiliet Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) b'mandat sad-19 ta' Settembru 2018.
- (2) Fis-6 ta' Settembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2396² li estendiet l-EUTM RCA sad-19 ta' Settembru 2025.
- (3) Fit-30 ta' April 2025, fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku tal-EUTM RCA, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li jenħtieġ li l-mandat tal-EUTM RCA jiġi estiż sad-19 ta' Settembru 2026 u li jenħtieġ li Rieżami Strateġiku fil-bidu tal-2026 jippreżenta għażliet għall-futur tal-Missjoni.
- (4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2016/610/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2396 tas-6 ta' Settembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 2024/2396, 6.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2396/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUTM RCA għall-perjodu mill-20 ta' Settembru 2025 sad-19 ta' Settembru 2026 għandu jkun ta' EUR 11 400 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun 0 % f'impenji u 0 % għal pagamenti."

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Soġġett għal Rieżami Strateġiku li għandu jitwettaq kmieni fl-2026, il-mandat tal-EUTM RCA għandu jintemm fid-19 ta' Settembru 2026."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

